# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.18

## ĦTIĠIET DWAR STANDARDS U PRATTIKA DWAR WIRI U S-SMIGĦ TA' PROGRAMMI GĦALL-FAMILJA

22 ta' Marzu, 2007

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 261 ta' l-2007, kif emendat bl-Avviż Legali 482 tal-2020.*

It-titolu ta' dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar Standards u Prattika dwar Wiri u s-Smigħ ta' Programmi għall-Familja. Titolu.

**1.1** Dawn il-Ħtiġiet dwar Standards u Prattika saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa ta' l-artikolu 20(3) ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

1.2 L-għan ta' l-Awtorità hu li kemm jista' jkun tiżgura, li f'ħinijiet meta jkun hemm ħafna tfal jaraw it-televiżjoni jew jisimgħu r-radju l-istazzjonijiet ma jxandrux materjal mhux addattat għalihom. Diffikultajiet dwar il-ħarsien ta' dan il-għan jinqalgħu minn żewġ fatturi: l-ewwelnett ma hemm ebda ħin partikolari filgħaxijiet meta ma jkunx hemm xi tfal jaraw it-televiżjoni jew jisimgħu r-radju, kultant ukoll f'numri mdaqqsa; u t-tieni, jekk wieħed jipprova jsib għażla ikbar ta' programmi addattati għall-kbar b'materjal serju aktarx ikun fihom ukoll xi affarijiet meqjusa ma jgħoddux għat-tfal. L-Awtorità ma tħossx li għax fl-udjenza dejjem ser ikun hemm xi tfal jaraw il-programmi, stazzjon ma għandux ukoll ixandar fil-programmi materjal għall-kbar. It-triq tan-nofs bejn dawn iż-żewġ diffikultajiet u l-għan ġenerali ta' l-Awtorità qiegħda fil-mod kif l-Awtorità tħares lejn il-wiri u s-smigħ filgħaxijet, ta' Programmi għall-Familja.

1.3 Il-politika tassumi tnaqqis progressiv ta' tfal fl-udjenza li jibqa' jonqos proporzjonalment aktar ma jgħaddi l-ħin. Huwa mistenni tnaqqis simili fir-rigward ta' programmi oħra sussegwenti, skedati għal kmieni filgħaxija sakemm jagħlaq l-istazzjon: aktar ma jintwerew kmieni, aktar ikunu addattati; aktar ma jintwerew tard, anqas ikunu addattati. F'din il-medda ta' ħinijiet, d-9:30 ta' filgħaxija hu l-ħin stabbilit bħala l-punt sa meta l-fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva normalment iqisu lilhom infushom responsabbli sabiex jiżguraw li ma jintwera xejn li ma jkunx addattat għat-tfal. Iżda huwa preżunt li mid-9:30 ta' filgħaxija 'il quddiem il-ġenituri jew persuni responsabbli mit-tfal iridu jerfgħu parti mir-responsabbiltà għal dak li jitħallew jaraw u jisimgħu t-tfal. Il-vjolenza mhix l-unika raġuni li għaliha programm għandu jitqies li mhux adattat biex tarah jew tisimgħu l-familja. Hemm fatturi oħra bħalma huma l-lingwaġġ ħażin, id-doppju sens, id-dagħa, xeni espliċiti jew deskrizzjonijiet ta' imġiba sesswali, u xeni jew imġiba ta' tbatija kbira. *Sostitwit: A.L. 482 tal-2020.*

**2.** Trejlers

2.1 Trejlers ta' programmi jridu wkoll isegwu dawn il-ħtiġiet. Jekk ikun ser isir reklam dwar programm għall-kbar qabel id-9.00 p.m., it-trejler irid ikun addattat biex tarah jew tisimgħu l-familja.

Biċċiet mħejjija biex jirreklamaw programm ta' vjolenza jridu jintgħażlu bir-reqqa bla ma jagħmlu ebda enfasi għall-inċidenti vjolenti li ma jkunux karatteristika tal-programm kollu.

*Emendat: A.L. 482 tal-2020.*

**3.** Ħtiġiet li x-xandara għandhom isegwu

3.1 L-Awtorità għarblet sewwa dan kollu u ħejjiet għalhekk dawn il-ħtiġiet biex ix-xandara jimxu fuqhom meta jtellgħu programmi tal-kbar:

i. fil-każ ta' programm tat-televiżjoni, kull xandar televiżiv irid jara li jimxi mar-Regolamenti tal-Programmi Televiżivi (Ċertifikati skond il-Klassifika); (L.S. 350.01)

ii. fil-każ ta' programm tat-televiżjoni, xandara televiżivi jridu jaraw li jkun hemm xi ħadd responsabbli skond il-kondizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Programmi Televiżivi (Ċertifikati skond il-Klassifika), u li x-xandara jridu jinfurmaw lill-Awtorità b'kull bidla li ssir; (L.S. 350.01)

iii. qabel ix-xandir ta' programm li jkollu x'jaqsam mal-kbar, min qed jara jew qed jisma' jrid ikun infurmat li dak it-tali programm hu tajjeb biss għall-udjenza matura;

iv f'dak li għandu x'jaqsam ma' programmi ta' diskussjoni immirati għall-udjenza tal-kbar, it-tfal la għandhom jiġu mistiedna fil-*panel* u lanqas ikunu fost l-udjenza;

v. programmi maħsuba għall-kbar għandhom jixxandru biss wara d-9:30 ta' filgħaxija Għax-xandir ta' programmi skedati minn kmieni filgħaxija sa kemm jagħlaq l-istazzjon:

   i. d-9:30 ta' filgħaxija għandu jkun il-ħin stabbilit sa meta l-fornituri tas-servizzi tal-media awdjoviżiva huma marbutin u responsabbli biex jiżguraw li ma jintwera l-ebda servizz tal-media awdjoviżiva mhux addattat għat-tfal;

   ii. wara d-9:30 ta' filgħaxija jistgħu jintwerew servizzi tal-media awdjoviżivi maħsuba għall-kbar;

vi. f'servizzi tal-media awdjoviżiva is-sinjal tal-klassifikazzjoni u s-sinjal tal-kontenut ta' ħsara potenzjali għandhom ikunu sovvraposti fuq is-servizz tal-media awdjoviżiva, fejn għandhom jidhru għal matul l-ewwel 60 sekonda u jekk il-programm jiġi interrott, matul l-ewwel 30 sekonda malli jerġa' jibda' jixxandar jew kull meta jerġa' jibda' l-programm wara kull intervall. Fi programmi tar-radju x-xandar għandu javvża qabel ma jibda' l-programm li dan huwa programm indirizzat lejn udjenza matura u jekk il-programm jiġi interrot, qabel ma jerġa' jibda' l-programm wara kull intervall;

vii. l-ebda materjal pornografiku ma jista' jixxandar għax b'hekk ix-xandira tkun qed tikser il-Kodiċi Kriminali; Kap. 9.

viii. fil-każ ta' servizzi tal-media awdjoviżiva, il-fornituri ta' servizz tal-media għandhom jadottaw is-sinjali ta' klassifikazzjoni li ġejjin:

U għal servizzi tal-media awdjoviżiva addattati għal persuni ta' kull età.

L-ittra "U" għandha tkun f'ċirku tal-kulur aħdar.

PG għal servizzi tal-media awdjoviżiva li jeħtieġu l-gwida tal-ġenituri peress li jistgħu ma jkunux addattati għal tfal żgħar.

L-ittri "PG" għandhom ikunu f'ċirku tal-kulur isfar.

12A għal servizzi tal-media awdjoviżiva addattati biss għall-persuni li jkunu għalqu 12-il sena u fuqhom, iżda persuni ta' età iżgħar jistgħu jarawhom biss jekk ikunu akkumpanjati minn persuna adulta.

In-numru "12A" għadu jkun f'ċirku tal-kulur oranġjo.

12 għal servizzi tal-media awdjoviżiva addattati biss għal persuni li jkunu għalqu 12-il sena.

In-numru "12" għandu jkun f'ċirku tal-kulur oranġjo.

15 għal servizzi tal-media awdjoviżiva addattati biss għal persuni li jkunu għalqu 15-il sena.

In-numru "15" għandu jkun f'ċirku tal-kulur kannella.

18 għal servizzi tal-media awdjoviżiva addattati biss għal persuni li jkunu għalqu 18-il sena.

In-numru "18" għandu jkun f'ċirku tal-kulur kannella.**4.**Għall-għanijiet ta' dawn il-ħtiġiet l-espressjoni "tfal" tfisser nies li jkunu taħt it-tmintax-il sena.

ix. fil-proċess tal-klassifikazzjoni ta' servizz tal-media awdjoviżiva bil-mod preskritt fil-paragrafu preċedenti, il-fornituri ta' servizzi tal-media għandhom jiddeċiedu wkoll dwar liema sinjal jew sinjali għall-kontenut ta' ħsara potenzjali, ser jintwerew mal-klassifikazzjoni u dan skont il-proċedura elenkata fil-paragrafu (vi). Is-sinjal jew sinjali għall-kontenut ta' ħsara potenzjali għandhom jirriffletu dik ir-raġuni jew ir-raġunijiet li jkunu wasslu lil fornitur tas-servizzi tal-media għall-klassifikazzjoni partikolari u dan billi jistabbilixxi jekk is-servizz tal-media awjdoviżiva ikollux kontenut li jinkludi vjolenza, biża', sess, diskriminazzjoni, abbuż ta' alkoħol u / jew droga, jew lingwaġġ mhux xieraq.

x. Il-fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva għandhom jużaw is-segwenti sistema ta' sinjali għal

kontenut bi ħsara potenzjali:



**VJOLENZA**



**BIŻA'**



**SESS**



**DISKRIMINAZZJONI**



**ABBUŻ TA' ALKOĦOL U/ JEW DROGA**




**LINGWAĠĠ MHUX XIERAQ**

**4.** Għall-għanijiet ta' dawn il-ħtiġiet l-espressjoni "tfal" tfisser nies li jkunu taħt it-tmintax-il sena.

*Miżjud: L.N. 482 tal-2020.*

Kap. 350.

**5.** Il-ksur ta' kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-ħtiġijiet għandu jikkostitwixxi offiża amministrattiva punibbli mill-Awtorità skont l-Artikolu 41 u l-Ħames Skeda tal-Att dwar ix-Xandir.

*Miżjud: L.N. 482 tal-2020.*

Kap. 350.

**6.** Il-kliem "servizz tal-media awdjoviżiva" u "fornituri ta' servizzi tal-media" għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija fl-Att dwar ix-Xandir.